Kunsill Lokali Ħal Balzan
153, Triq il-Kbira
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 32

Data tal-laqgħa: 9 ta` Marzu, 2017

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 153, Triq il-Kbira, Ħal Balzan, fl-4.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Daniel Muscat – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 32.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ta` Laqgħa Numru 30 u ta` Laqgħa Urġenti Numru 31

32.1.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tat-Tletin Laqgħa u tal-Wieħed u Tletin Laqgħa Urġenti. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

32.1.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 32.2 Punti li joħorġu mill-Minuti

32.2.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li rċiviet ir-risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Direttiva 5A/2016 – Irtirar ta` Direttiva Numru 5/2016 u Sostituzzjoni tagħha mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

32.2.1.2 Il-Kunsill staqsa jekk jistax:

1. Jagħti *mementoes* lill-persuni li jiġu mogħtija l-premju ta` Ġieh il-Lokalita`. Ir-risposta mid-Dipartiment kienet iva għax din qed jorganizzaha l-Kunsill.
2. Jirċievi *mementoes* jew flus mingħand xi *sponsor* li jidħol f`kollaborazzjoni mall-Kunsill f`xi attivita` jew kompetizzjoni. Ir-risposta kienet iva.
3. Jagħti *mementoes* lil xi *sponsor* li jkun daħal f`kollaborazzjoni mall-Kunsill f`xi attivita` jew kompetizzjoni bħala apprezzament. Ir-risposta kienet le.

32.2.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li rċiviet ir-risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar it-talba mingħand il-kumpanija GreenPak u mingħand il-kumpanija WEEE Malta sabiex il-Kunsill jidħol fi ftehim dwar ġbir ta` skart elettroniku.

32.2.2.2 Ir-risposta mid-Dipartiment kienet li għaddejjin diskussjonijiet biex isir aġġornament fil-*policy* li tirrigwarda l-WEEE. Sadanittant m`għandu jsir l-ebda ftehim mal-iskemi fuq ġbir tal-WEEE sakemm jinħareġ komunikat ieħor uffiċjali.

32.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li dwar it-Tender for Street Sweeping and Cleaning in an Environmentally Friendly manner – BLC 01/2016 kien daħal appell. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet lid-dokumenti mitluba mill-PCRB ġew sottomessi u għandhom jinfurmawna meta hemm is-smigħ tal-każ.

32.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li għal din is-sena il-Kunsill ser jirċievi l-ammont ta` €6,000 biex tiġi organizzata l-attivita` *Balzan Arts and Music Fest*ival inkonnessjoni ma` Ċirkulari Nru 5/2017.

## 32.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

32.3.1.1 Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill il-kwotazzjonijiet li l-Kunsill irċieva għas-sejħa ta` Kwotazzjonijiet BLCQ 4/15 – *Quotations for the Supply of Aluminium Fixtures.*

32.3.1.2 Il-Kunsill irċieva żewġ (2) kwotazzjonijiet:

1. Raymond Cuschieri - €2,637.30
2. MEDALLS Ltd - €3,249.42

32.3.1.3 Il-Kunsill unanimament approva li jmur għall-irħas offerta ta` Raymond Cuschieri.

32.3.2.1 Is-Sindku qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill 2 kwotazzjonijiet għall-bieb ta` barra għall-uffiċċju l-ġdid tal-

Kunsill:

1. Caprice Ltd - €1,001.53
2. MEDALLS Ltd - €1,335.99

32.3.2.2 Il-Kunsill unanimament approva li jmur għall-irħas offerta ta` Caprice Ltd.

32.3.3.1 Is-Sindku qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni għall-installazzjoni ta` suffetti għall-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill:

1. Raymond Cuschieri - €2,584.20

32.3.3.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li hu talab lill-tliet (3) kumpaniji biex jibgħatulna kwotazzjoni pero` wieħed (1) biss bagħat lura. Filwaqt li l-Kunsill ġie mgħarraf li, jekk kwotazzjoni mhux se toħroġ bħala sejħa pubblika, skond il-liġi jrid ikun hemm 3 kwotazzjonijiet. Is-Sindku qal li minħabba l-urġenza tal-każ, peress li l-uffiċċju l-ġdid irid ikun lest mill-aktar fis possibbli, m`hemmx żmien li tinħareġ sejħa pubblika. Għalhekk, il-Kunsill unanimament approva l-unika kwotazzjoni li rċieva għax ra li l-prezz ikkwotat huwa sodisfaċenti u l-kuntrattur lest li jibda jaħdem minnufih.

32.3.4 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li se jġib xi kwotazzjonijiet għal xkaffar maħdum tal-qies għall-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill.

32.3.5 Is-Sindku qal li l-parti l-kbira tax-xogħlijiet fl-uffiċċju l-ġdid huwa lest u sa l-aħħar ta` April għandu jkun ffinalizzat kollox, dettalji għall-inawgurazzjoni uffiċċjali jiġu diskussi aktar il`quddiem. Il-Kunsill unanimament qabel li nitolbu permess lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex l-uffiċċju ma jinfetaħx għall-pubbliku għal jumejn sakemm inniżżlu s-sistema tal-kompjuters u sistemi oħra fl-uffiċċju l-ġdid.

32.3.6 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li għadu qed ifittex *garage* sabiex ikun jista` jintuża bħala *store* għal *files* li ma jintużawx ta` kuljum u għall-għodda tal-ħaddiema.

32.3.7.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li avviċċinatu Dr. Piscopo dwar sensiela ta` korsijiet 'Għaqal id-dar, Ħajja Aħjar`. Dan il-programm li huwa immirat għal nies ta` kull eta`, jikkonsisti f`għaxar (10) sessjonijiet u huwa mingħajr ħlas. Kunsilli Lokali interesstati li jospitaw dan il-programm għar-residenti tal-lokalita` tagħhom iridu jipprovdu ċertu faċilitajiet mingħajr ħlas.

32.3.7.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jospita dan il-programm dejjem jekk ikun hemm konkorrenza biżżejjed mir-residenti. Dr. Piscopo ser tagħmel kuntatt mall-Kunsill aktar il`quddiem.

32.3.8 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li avviċinatu residenta li toqgħod 240, Triq il-Ferrovija l-Qadima. Qed tillmenta li karozzi qed jipparkjaw eżatt mal-*gate* bil-konsegwenza li ma jkunux jistgħu joħorġu mid-dar. Ġie nnutat deċiż li jsir *yellow grid box* eżatt quddiem il-bieb biex ikun jidher ċar li karozzi ma jistgħux jipparkjaw.

32.3.9 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li llum stess flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-MTA. F`April se jniedu *Heritage Trail* bejn it-tliet villaġġi – Ħ`Attard, Ħal Balzan u Ħal Lija. Qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jidentifika postijiet/siti, possibilment fiċ-ċentru tar-raħal, li għandhom bżonn xi tip ta` restawr, li jistgħu jiġu nkulżi fil-*Heritage Trail*, bil-possibilta` li joffru għajnuna finanzjarja biex isir dan ir-restawr.

## 32.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

32.4.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` staqsa lill-Kunsill kif bqajna fuq il-problema tal-ħamiem. Il-Kunsillier Joe Galea qal li kien ġab kwotazzjonijiet ta` affarijiet diversi biex tittaffa l-problema. Il-Kunsill irid jara x'baġit għandu biex ikun jista` jimplimenta xi wħud minn dawn il-miżuri.

32.4.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` qed jillmenta li *Belgravia Auction Gallery* qed jagħmel reklamar meta jkun se jsir irkant li jokkupa post ta` karozza mingħajr il-permess tal-Kunsill. Issemmiet

ukoll il-problema li qed jitwaħħlu reklami mal-arbli.

32.4.3.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` infurma lill-Kunsill xi nies qed jilmentaw peress li l-pavimentar tal-pjazza, l-parti ta` fejn saru l-*culverts* riċentament mill-MTI qed jinżel.

32.4.3.2 Il-Viċi Sindku infurma lill-Kunsill li kuljum jipprova jċempel lill-Perit Marvienne Camilleri (MTI) li kienet inkarigata mix-xogħlijiet tal-*culverts*. Is-Segretarju Eżekuttiv se tibgħat *email* lill-Perit Camilleri biex tinfurmaha b`din il-problema.

32.4.4 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` infurma lill-Kunsill li ġie infurmat li huwa l-ħsieb tal-Gvern li r-*resurfacing* ta` Triq il-Wied ta` Ħal Balzan issir mill-Gvern fis-sena 2018.

32.4.5.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` qal li l-problema ta` boroż tal-iskart li mhux qed jiġabru qed tiżdied. Ġie nnutat li ammount konsiderevoli tal-boroż ma jinġabrux għax jinħarġu tard mir-residenti.

32.4.5.2 Il-Viċi Sindku Andre` Grech ippropona li l-ġbir tal-boroż jibda fid-9.00am minnflok fit-8.00am minħabba l-fatt li, apparti li nevitaw it-traffiku ta` filgħodu, ħafna mir-residenti joħorġu tard għax-xogħol.

32.4.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinfurma lill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart biex naraw jekk dan hux possibbli li jsir.

32.4.6 Il-Kunsillier Joe Galea infurma lill-Kunsill li quddiem dar 42, Triq Birbal saret rampa fil-bankina li qiegħda perikoluża. Ġie deċiż li ngħaddu l-ilment lill-Pulizija biex isir infurzar.

32.4.7 Il-Kunsillier Joe Galea infurma lill-Kunsill li fil-bidu ta` Triq Idmejda fejn jieqaf il-pavimentar u jibda t-*tarmac* qed iżomm l-ilma. Dan ser jiġi rranġat aktar il`quddiem.

32.4.8 Il-Viċi Sindku Andre` Grech infurma lill-Kunsill li l-gradilji tax-xita li hemm quddiem il-Każin tal-PN qed iċċekċek. Il-ħaddiema tal-Kunsill se jiġu nfurmati biex il-gradilji jiġu rranġati.

32.4.9.1 Il-Viċi Sindku Andre` Grech infurma lill-Kunsill li fil-laqgħa tar-Reġjun Ċentru issemma li hemm ammont kbir ta` kontravenzjonijiet li r-Reġjun jonqsu jiġbor il-flus tagħhom. Waqt l-istess laqgħa ġie ssuġġerit li b`approvazzjoni tal-Kunsill, ir-Reġjun permezz ta` l-Avukat Richard Sladden jibagħat ittri legali lin-nies ikkonċernati sabiex jitħallsu l-kontravenzjonijiet pendenti. L-ispejjeż tal-avukat jitnaqqas mid-dħul tal-kontravenzjonijiet li jiġu mħallsa.

32.4.9.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jipproċedi.

32.4.10 Il-Viċi Sindku Andre` Grech infurma lill-Kunsill li l-*Final Closure Report* tal-proġett tal-ERDF tal-pjazza tlesta u ġie mibgħut lill-PPCD biex jiġi ffirmat minnhom.

32.4.11 Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li fi Triq San Franġisk hemm sit ta` kostruzzjoni li ilu xi sena wieqaf. Il-Kunsillier Joe Galea qal li x-xogħol wieqaf għax is-sid għamel xi operazzjoni u ma setax jaħdem.

32.4.12.1 Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li nhar l-Erbgħa 15 ta` Marzu 2017 se tiġi diskussa l-applikazzjoni PA/06248/16 li l-Kunsill kien għamel oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp.

32.4.12.2 Il-Kunsillier Daniel Muscat infurma lill-Kunsill li dakinhar hu ma jistax jattendi, għalhekk ġie deċiż li jiġi nfurmat il-perit tal-Kunsill biex jattendi hu minnflok.

32.4.13 Il-Kunsillier Daniel Muscat infurma lill-Kunsill bil-preparamenti li għaddejjin sabiex tiġi organizzata l-attivita` *Balzan Arts and Music Festival* 2017.

## 32.5 Aġġustamenti proposti mill-Udituri tal-Gvern għar-Rapport Finanzjarju minn 01/01/2016 sa 30/09/2016

32.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport Finanzjarju minn 01/01/2016 sa 30/09/2016 kif emendat wara li sar l-*Interim Audit* (anness). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

32.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li, ir-rapport li ġie approvat fil-laqgħa tal-Kunsill li għaddiet kellu xi żbalji fil-figuri, fil-paġna ta` quddiem u f`paġna numru 1. Dawn ġew emendati hekk kif propost mill-awdituri.

32.5.3 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament u disa` (9) kopji tar-rapport ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juru li huwa dokument korrett.

## 32.6 Twaqqif ta` posti jew kjosks fil-Festa ta` Marija Annunzjata

32.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-pjanta ta' kif kull sena jintramaw il-kjosks fil-Festa ta` Marija Annunzjata.

32.6.2 Il-Kunsill unanimament approva li għal din is-sena il-kjosks jerġgħu jintramaw l-istess bħas-snin ta` qabel.

F'dan il-ħin (6.00pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-6.05pm.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li tinbidel l-ordni tax-xogħol biex jiġu diskussi *items* 32.8, 32.9, 32.10 u 32.11 ta` l-Agenda u jħalli *item* 32.7 għall-aħħar. Il-Kunsill qabel unanimament u għadda biex jiddiskuti *item* 32.8.

## 32.8 Kwotazzjoni għas-sistema tal-PABX għall-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill

32.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni mill-GO li tammonta għal €1,100 biex tiġi installata sistema ta` PABX fl-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill.

32.8.2 Il-kwotazzjoni ġiet approvata unanimament mill-Kunsill.

## 32.9 Servizz tat-telefown, *mobile* u *internet* għall-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill

32.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill il-proposta tal-GO għas-servizz ta' telefown, *mobile* u *internet.*

32.9.2 Ir-rati fix-xahar huma:

1. Servizz tat-telefown/*internet:* €30
2. Servizz tal-*mobile:* €45
3. Linja oħra tal-*mobile* li tiġi inkorporata mas-sistema tal-PABX: €45

Total ta' €120 fix-xahar.

32.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li preżentament il-Kunsill qed iħallas dawn ir-rati fix-xahar:

1. Medja ta' €110 għas-servizz tat-telefown lill-kumpanija Ozone Ltd
2. €65 għas-servizz tal-*mobile* lill-kumpanija Vodafone Ltd

Total medja ta' €175 fix-xahar.

32.9.4 Unanimament il-Kunsill qabel li nibdew nagħmlu użu tas-servizzi tal-GO meta nibdew noperaw mill-uffiċċju l-ġdid peress li l-proposta hija irħas mill-ammont li jħallas preżentament il-Kunsill.

## 32.10 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol tal-Kunsill

32.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li s-sejħa għat-Tender għal manutenzjoni ta` tabelli u sinjali tat-toroq ġiet maħruġa bis-sistema tal-ePPS u s-sottomissjonijiet se jagħlqu fis-16 ta` Marzu 2017.

32.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li s-sejħa għat-Tender għaż-żamma u manutenzjoni ta` ġonna u *soft areas* ġiet maħruġa bis-sistema tal-ePPS u s-sottomissjonijiet se jagħlqu fit-3 ta` April 2017.

32.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li fir-rigward tas-sejħa għall-Kwotazzjonijiet: *Supply of Cold Asphalt* din ser toħroġ bħala Tender minnflok Kwotazzjoni peress li ser tinħareġ għal tul ta' erba` (4) sena. Il-Kunsill unanimament qabel u l-membri tal-Bord ta` l-evalwazzjoni se jibqgħu hekk kif kien approvat fil-laqgħa numru 30.

32.10.4 Ġiet innutata Ċirkulari Numru 7/2017 – Inizjattiva Finanzjarja – Korsijiet *Lifelong Learning* 2017-2018. Il-Kunsill unanimament qabel li ma japplikax għax ma tantx ikun hemm konkorrenza mir-residenti.

32.10.5 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni ta` Gauci Borda & Co Ltd (mehmuża) għal xiri ta` tliet (3) bnadar għall-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill:

1. Ħal Balzan - €30
2. Malta - €26
3. EU - €38

Il-Kunsill unanimament approva x-xiri ta' dan it-tliet (3) bnadar.

32.10.6 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjonijiet (mehmuża) għal xiri ta` tliet (3) arbli tal-bnadar għall-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill:

1. Gauci Borda & Co Ltd - €155 kull wieħed
2. Andrew Vassallo General Trading Ltd - €212.40 kull wieħed (aluminium)
3. Andrew Vassallo General Trading Ltd - €424.80 kull wieħed (stainless steel)

Il-Kunsill unanimamnet approva l-irħas kwotazzjoni ta` Gauci Borda & Co Ltd.

32.10.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li wara li s-sena li għaddiet kien hemm bidla fis-sistema ta` ġbir ta` skart goff fejn ġie introdott is-separazzjoni ta` oġġetti WEEE minn skart goff ieħor. Dak iż-żmien il-kuntrattur kien kiteb lill-Kunsill fejn talab li r-rata tal-ġbir skont il-Kuntratt togħla għal raġuni li din kienet ser iġġib magħha iżjed xogħol. Il-kuntrattur dak iż-żmien kien infurma lill-Kunsill li peress li din is-sistema kienet għadha fil-bidu tagħha, huwa kien ser jagħti ċans u jara kif ser tinħadem is-sistema u fil-każ jerġa` jinfurma lill-Kunsill bil-talba tiegħu.

32.10.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur qed jitlob li jitħallas bir-rata ta` €5 għal kull vjaġġ bħala żieda għax-xogħol amministrattiv li żdiedlu permezz tas-sistema l-ġdida. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li normalment ikun hemm żewġ (2) vjaġġi fil-ġimgħa.

30.10.7.3 Il-Kunsill unanimament approva li jħallas din ir-rata.

## 32.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

32.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 3/17 li ġġib id-data tad-9 ta` Marzu 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` € 25,259.44.

32.11.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Andre` Grech li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 32.7 Konsultazzjoni Pubblika dwar l-Immaniġjar tat-Traffiku fil-lokalita`

32.7.1 Il-Viċi Sindku Andre` Grech qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill it-*Traffic Management Plan* flimkien mal-punti li ħarġu mil-laqgħa ta` konsultazzjoni li saret mar-residenti fit-22 ta` Frar 2017. Kopja ta` dawn ingħatat lill-Kunsilliera kollha.

32.7.2 Il-Viċi Sindku qal li dan huwa biss studju u m`hemm xejn deċiż s`issa.

32.7.3 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` qal li l-proċess ta` konsultazzjoni għandu jieqaf peress li l-maġġoranza tan-nies li kienu preżenti għal-laqgħa ma qablux mal-proposti ppreżentati.

32.7.4 Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li jekk il-proċess jieqaf issa, il-Kunsill jidher ikrah peress lir-residenti ġew imwiegħda li se jkun hemm perjodu ta` tliet (3) xhur sabiex jissottomettu s-suġġerimenti tagħhom bil-miktub.

32.7.5 Wara li kien hemm diskussjoni dwar dan, il-proċess ta` konsultazzjoni hekk kif stabbilit fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill ser jitkompla. Deċiżjoni finali tittieħed skond l-opinjoni tal-maġġoranza wara li l-Kunsill jara s-suġġerimenti kollha.

## 32.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

32.12.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-7.00pm.

32.12.2 Il-Laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 4 ta` April 2017 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 4 ta` April 2017.

IFFIRMATA

Dr Ian Spiteri
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv